Novembru 2023

# Il-Bini ta' Skozja Ġdida: Skozja indipendenti fl-UE

BUILDING A NEW SCOTLAND

## Sommarju

Is-sħubija fl-UE bħala nazzjon indipendenti toffri lill-Iskozja ċ-ċans biex terġa' tirkupra dak li ntilef minħabba Brexit u dak li d-devoluzzjoni ma tistax toffri. Għall-ewwel darba, l-Iskozja tkun tista' tieħu postha mal-mejda biex tippromwovi l-interessi tal-Iskozja direttament fl-UE. Skozja indipendenti tkun tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-UE u għall-istati membri tagħha.

L-evidenza li tinforma dan is-sommarju, kif ukoll ir-referenzi għas-sorsi, huma pprovduti fit-test sħiħ.

## L-Iskozja, ir-Renju Unit u l-UE

In-nazzjon storiku tal-Iskozja daħal f'unjoni politika volontarja man-nazzjon tal-Ingilterra fl-1707. Fi ħdan din l-unjoni, l-Iskozja dejjem żammet istituzzjonijiet u sistemi nazzjonali distintivi.

Il-Parlament tar-Renju Unit għandu kontroll fuq il-politika makroekonomika, il-politika barranija u tad-difiża, u l-biċċa l-kbira tas-setgħat tas-sigurtà soċjali u tat-tassazzjoni.

Id-devoluzzjoni u t-twaqqif mill-ġdid tal-Parlament Skoċċiż urew il-vantaġġi tat-tmexxija awtonoma għall-Iskozja. Fl-2014, in-nies fl-Iskozja vvutaw f'referendum dwar jekk l-Iskozja għandhiex issir indipendenti jew le. Dan seħħ wara kampanja li fiha saru impenji minn dawk li kienu qed jargumentaw kontra l-indipendenza li vot 'Le' kien l-uniku mod biex jiġi żgurat il-post tal-Iskozja fl-UE.

L-Iskozja tħaddan il-prinċipji fundaturi u l-valuri ewlenin tal-UE - ibbażati fuq id-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, il-libertà, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Dan ħareġ biċ-ċar meta fl-2016, il-poplu Skoċċiż ivvota b'mod deċiżiv biex jibqa' fl-UE.

Il-Brexit qanqal dibattitu mill-ġdid dwar jekk huwiex aħjar għall-Iskozja li tkun indipendenti u ġewwa l-UE bħala stat membru b'mod awtonomu.

Id-dokument jippreżenta evidenza li d-deċiżjoni tal-gvern ta' Westminster li jagħżel 'Brexit iebes' wasslet biex l-Iskozja ġġarrab telf mill-aspett ekonomiku, soċjali u kulturali. L-approċċ ta' Westminster għan-negozjati kien ikkaratterizzat minn nuqqas ta' qbil bla bżonn mal-UE u nuqqas ta' kunsiderazzjoni għall-fehmiet u l-interessi tal-poplu Skoċċiż.

L-Iskozja tneħħiet mis-suq uniku u min-network tal-UE ta' relazzjonijiet kummerċjali favorevoli ħafna madwar id-dinja. Il-poplu Skoċċiż tilef id-dritt tiegħu li jgħix, jaħdem u jistudja fl-UE.

Għalhekk, l-Iskozja tinsab f'sitwazzjoni unika - pajjiż f'unjoni volontarja ta' nazzjonijiet imneħħija mill-UE u s-suq uniku tagħha kontra x-xewqat tal-maġġoranza tal-poplu tagħha.

## Is-sħubija fl-UE tista' tipprovdi ħafna benefiċċji għall-Iskozja

L-evidenza turi li s-sħubija fl-UE għandha benefiċċji ekonomiċi, soċjali u kulturali. Is-sħubija fl-UE:

- tfisser li l-Iskozja tkun parti mill-akbar suq uniku fid-dinja, b'moviment ħieles tal-prodotti, servizzi, kapital u nies. Dan is-suq huwa seba' darbiet id-daqs tar-Renju Unit u għalhekk il-kumpaniji Skoċċiżi jkunu jistgħu jinnegozjaw liberament ma' aktar negozji u jbigħu lil aktar klijenti
- tipprovdi aktar opportunitajiet u opportunitajiet aħjar għat-taħriġ u l-impjieg għan-nies fl-Iskozja. Nistgħu nattiraw u nżommu nies minn madwar l-UE biex insostnu n-negozji tagħna, l-universitajiet ewlenin fid-dinja u s-servizzi pubbliċi tagħna
- toħloq opportunitajiet biex jitrawmu skambji kulturali u jiġu żviluppati sħubiji ta' riċerka biex jippromwovu l-prosperità u l-benessri taċ-ċittadini tagħna
- tpoġġi lill-Iskozja fil-qalba ta' organizzazzjoni b'firxa globali. Aħna nkunu nistgħu naħdmu flimkien mal-imsieħba tagħna biex niżviluppaw il-politiki tal-UE u nikkollaboraw fl-indirizzar tal-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima
- tippermetti lill-Iskozja terġa' tikseb aċċess għall-għodod tal-infurzar tal-liġi tal-UE, li jgħinu fil-ġlieda kontra l-kriminalità u t-theddid transfruntiera

U bħala stat membru tal-UE, Skozja indipendenti jkollha rappreżentanza diretta fl-istituzzjonijiet tal-UE. Dan jippermetti lill-Iskozja tikkontribwixxi għal deċiżjonijiet kollettivi li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Iskozja permezz ta' proċessi demokratiċi u trasparenti.

Id-dokument jiddeskrivi dawn il-benefiċċji u ħafna oħrajn tas-sħubija fl-UE.

## L-Iskozja għandha ħafna x'toffri lill-UE bħala stat membru

Bħalma l-UE għandha ħafna x'toffri lill-Iskozja, l-Iskozja wkoll għandha ħafna x'tikkontribwixxi għall-UE bħala stat membru. Pereżempju:

- Il-punti b'saħħithom tal-Iskozja fejn jidħlu l-enerġija rinnovabbli, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni jistgħu jgħinu lill-UE tiżviluppa teknoloġiji tal-futur u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn newtralità karbonika.
- Il-kulleġġi u l-universitajiet ta' klassi dinjija tal-Iskozja jkunu jistgħu jerġgħu jilqgħu lill-istudenti tal-Erasmus+ minn pajjiżi tal-UE.
- Il-kultura ħajja tal-Iskozja tkun tista' tagħti kontribut importanti għal UE dinamika u li tħares 'il quddiem.

Skozja indipendenti tkun f'pożizzjoni tajba biex tikkontribwixxi għall-valuri tal-UE. Il-Gvern Skoċċiż huwa impenjat li jikkontribwixxi għall-aġenda kondiviża tal-UE dwar il-ġustizzja soċjali u għall-insegwiment ta' soċjetà aktar ġusta u ekoloġika.

## L-indipendenza hija l-uniku mod realistiku biex tinkiseb is-sħubija fl-UE

Is-sħubija ta' Skozja indipendenti fl-UE ma tkunx għad-detriment tar-relazzjonijiet siewja li għandna, u li se jkompli jkollna, mar-Renju Unit. Bħala membru tal-UE, ir-relazzjoni kummerċjali ta' Skozja indipendenti mal-kumplament tar-Renju Unit tkun irregolata minn kwalunkwe arranġament kummerċjali miftiehem bejn l-UE u r-Renju Unit li kien fis-seħħ dak iż-żmien. In-nazzjonijiet l-oħra tar-Renju Unit u l-Irlanda se jibqgħu ħbieb mill-qrib u stmati tal-Iskozja.

Id-dokument jistabbilixxi l-proċess għas-sħubija fl-UE. Juri li l-Iskozja diġà għandha l-għarfien u n-networks biex issostni s-sħubija tagħha b'suċċess fl-UE. Il-liġijiet tal-Iskozja huma diġà allinjati ferm mal-liġijiet tal-UE. Bħala riżultat, dan il-Gvern Skoċċiż qed juri b'mod ċar li l-Iskozja tkun f'pożizzjoni tajba biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-proċess ta' adeżjoni bla xkiel u malajr.

Il-proposta tal-Gvern Skoċċiż hija li Skozja indipendenti tkun tista' tapplika biex terġa' tissieħeb fl-UE kemm jista' jkun malajr.

L-Iskozja tkun f'sitwazzjoni bla preċedent. L-ebda pajjiż ieħor ma ħareġ mill-UE u mis-suq uniku tagħha kontra r-rieda tiegħu. Lanqas xi pajjiż ieħor ma applika biex jerġa' jissieħeb fl-UE.

Il-maġġoranza tan-nies fl-Iskozja, il-Parlament Skoċċiż u l-Gvern Skoċċiż qatt ma riedu joħorġu mill-UE. Is-sħubija fl-UE hija ċentrali għas-suċċess ekonomiku u soċjali futur tal-Iskozja. L-indipendenza hija l-uniku mod realistiku biex jinkiseb dan.

© Il-Gvern Skoċċiż 2023

Ippubblikat mill-Gvern Skoċċiż, Novembru 2023

Prodott għall-Gvern Skoċċiż minn APS Group Scotland, 21 Tennant Street,
Edinburgh EH6 5NA    PPDAS1341862 (11/23)